MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru 137/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Mark Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mark Spiteri ta' 23 sena, iben Vincent u Maria nee' Delceppo, imwieled 4 ta' Dicembru 1982 Pieta' u residenti 4 Flat 12, Shik Appartments, Triq Sant' Anna, Marsaskala. ID 651682M gie akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer nhar it-12 ta’ Frar 2006 f’xi hin bejn is-saghtejn u t-tlieta ta’ filghodu, gewwa Triq Paceville San Giljan u/jew fil-vicinanzi;

1. Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, u cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni STF154 tal-ghamla Peugeot 206 ghad-dannu ta’ Stephanie Attard, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda inqas minn Lm500, u dan bi ksur ta’ artikolu 325(1)(b) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Ikkommetta serq ta’ beritta tal-Forzi Armati ta’ Malta, ghad-dannu tal-Forzi Armati ta’ Malta, il-Gvern ta’ Malta u Stephanie Attard liema beritta tiswa inqas minn mitt Lira Maltin (Lm100), liema serq huwa aggravat bil-‘hin’, u bix-‘xorta tal-haga misruqa’ u dan bi ksur ta’ artikoli 270 u 271 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, u cioe beritta tal-Forzi Armati ta’ Malta u dan ghad-dannu tal-Forzi Armati ta’ Malta, il-Gvern ta’ Malta u Stephanie Attard, liema hsara tammonta ghal inqas minn Lm50, u dan bi ksur ta’ artikolu 325(1)( c) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Hebb kontra Stephanie Attard, Salvina Alfifi, Michelle Bonnici u Amanda Azzopardi sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur ta’ artikolu 339(1)(d) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(m) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(dd) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U akkuzat aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi gewwa l-Ghassa ta’ San Giljan:-

7. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Spettur M. Sammut, PS504 S. Ellul, PS1244 N. Sant, PC157 B. Mifsud, PC1232 K. Schembri, WPC136 C. Ciantar inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur ta’ Artikolu 95 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra l-Spettur M. Sammut, PS504 S. Ellul, PC 157 B. Mifsud, PC1232 K. Schembri, persuni inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta’ Artikoli 96 u 97 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd weggha bil-kliem, b’gesti, jew mod iehor lil l-Spettur M. Sammut, PS504 S. Ellul, PS1244 N. Sant, PC157 B. Mifsud, PC1232 K. Schembri, WPC136 C. Ciantar, u dan bi ksur ta’ Artikolu 252 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. Fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indecenti li jikkonsisti f’dagha jew ghamel atti jew gesti oxxeni u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(bb) u 342 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. Ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-Spettur M. Sammut, PS504 S. Ellul, PS1244 N. Sant, PC157 B. Mifsud, PC1232 K. Schembri, WPC136 C. Ciantar persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallix jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(ee) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-Spettur M. Sammut, PS504 S. Ellul, PS1244 N. Sant, PC157 B. Mifsud, PC1232 K. Schembri, WPC136 C. Ciantar, u dan taht dawk il-kondizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni a tenur ta' Artikolu 383 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali li jinsab a fol. 7 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li qieghed jaccetta li l-valur ta' hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni STF154 ghad-dannu ta' Stephanie Attard li tirrigwarda l-ewwel akkuza hu ta' Lm161.79c u li nkwantu ghall-hsara fuq il-beritta indikata fit-tielet akkuza l-ammont hu ta' Lm14.25c.  Inoltre l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(b) u (c) u l-ahhar proviso tas-sub-artikolu 325(1), 261(f) u (g), 270, 271, 281(b), 339(1)(d), 338(m), 338(dd), 95, 96, 97, 252, 338(bb), 342 u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mark Spiteri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Mark Spiteri ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija u erbatax-il Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm14.25c) multa ekwivalenti ghall-hsara fuq il-beritta indikata fit-tielet akkuza u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Mark Spiteri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28(H) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat Mark Spiteri li jhallas lill-Stephanie Attard l-ammont ta' mija u wiehed u sittin Liri Maltin u disa' u sebghin centezmi (Lm161.79c) inkwantu l-valur ta' hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni STF154 ghad-dannu tal-imsemmija Stephanie Attard u dan fi zmien erba' (4) xhur millum.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Mark Spiteri b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li jzomm il-kwiet mal-Ispettur M. Sammut, PS504 S. Ellul, PS1244 N. Sant, PC157 B. Mifsud, PC1232 K. Schembri, WPC136 C. Ciantar u Stephanie Attard u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mark Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------